***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 194 tas-6 ta' Frar 2019 dwar punt imqajjem mill-Onor. Jason Azzopardi fis-Seduta 193 tal-5 ta' Frar 2019 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Is-Sedja tagħmel referenza għat-talba għal *ruling* li saret mill-Onor. Jason Azzopardi fis-Seduta 193 tal-5 ta' Frar 2019 fir-rigward ta' numru ta' mistoqsijiet parlamentari li huwa għamel u nikkwota:

> "**ONOR. JASON AZZOPARDI:** Sur President, xtaqt *ruling* mis-Sedja minħabba tweġibiet mogħtija lili mill-Prim Ministru, mill-Ministru għall-Ekonomija u mill-Ministru għall-Edukazzjoni għall-mistoqsijiet parlamentari numri 8339 sa 8344. F'kull waħda minn dawn il-mistoqsijiet jiena staqsejt lill-Ministri, u lbieraħ lill-Prim Ministru però ma stajtx nagħmel dan il-*point of order* għax kont qiegħed fil-Kumitat tal-Ambjent, dwar jekk il-Ministru kkonċernat attendiex jew kienx mistieden għall-festini jew riċevimenti fi kwalsiasi residenza privata ta' xi Membru tal-Ġudikatura, inkluż fil-limiti tas-Siġġiewi fix-xahar ta' Diċembru li għadda. Kull tweġiba kienet f'dan is-sens: Il-kontenut ta' din l-interpellanza jmur kontra r-regoli stabbiliti dwar l-interpellanzi, *Standing Order 27* u jiġi ċċitat *Standing Order 27.* Mingħajr ma nitlob – u m'iniex qiegħed nitlob – lis-Sedja tgħid x'għandu jew x'kellu jwieġeb il-Ministru għax dik kif nafu, hija diskrezzjoni tal-Ministru u ma nidħolx fiha, jien mgħallem – u dan hu r-*ruling* li xtaqt nitlob – li ladarba din il-mistoqsija parlamentari ġiet aċċettata mill-Iskrivan tal-Kamra jew mis-Sinjorija tiegħek, hija *in order* għax kieku ma kenitx, inti kont iżżommni. Ir-*ruling* li xtaqt nistaqsi hu jekk din it-tweġiba li deputat – f'dan il-każ il-Ministru – qed jgħid li din il-mistoqsija parlamentari tmur kontra *standing order* partikolari huwiex jarroga f'idejh mansjoni, diskrezzjoni, li hija tas-Sedja u mhux ta' Membru Parlamentari. Grazzi.

Hawnhekk is-Sedja wieġbet:

> "**L-ISPEAKER:** Se nikkonsidra u nagħti *ruling* f'dak is-sens."

Il-mistoqsijiet li kienu indirizzati lill-Prim Ministru, lill-Minstru għall-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar, lill-Ministru għall-Edukazzjoni u Xogħol, u lill-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġġar tal-Ilma kollha kellhom l-istess kontenut kif ukoll l-istess tweġiba, ħlief għal mistoqsija parlamentari 8338 li, kif indikat mill-Onor Azzopardi ġiet imwieġba fis-Seduta preċedenti tal-4 ta' Frar 2019 u li kienet tgħid hekk:

> "**L-Onorevoli JASON AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli JOSEPH MUSCAT (Prim Ministru):** Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk kienx mistieden, u jekk iva, jekk attendiex u f'liema data, għal festini / riċevimenti / ikliet / *parties* eċċ. f'kwalsiasi residenza privata jew proprjetà privata, inkluż fil-limiti tas-Siġġiewi u/jew Ħaż-Żebbuġ iżda mhux biss, ta' xi membru tal-Ġudikatura matul ix-xahar ta' Diċembru 2018? Jista' jgħid jekk dan japplikax ukoll għal kwalsiasi Kap ta' Dipartiment jew *Chief Executive* jew *Chairman* ta' kull entità li taqa' taħtu?"

Għal din il-mistoqsija l-Prim Ministru wieġeb hekk:

> "**PRIM MINISTRU:** Ng]arraf lill-Onor. Interpellant li l-kontenut ta' din l-interpellanza jmur kontra r-regoli stabbiliti dwar l-interpellanzi mill-Ordni Permanenti 27 peress illi l-interpellanza fiha imputazzjoni (u ċjoè li s-sottoskritt jew

persuni li jmexxu dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu ġew ospitati privatament minn ‘xi membru tal-ġudikatura’) u wkoll peress li tirrelata għall-kondotta ta’ persuna mhux fil-kariga uffiċjali jew pubblika tagħha.

Inżid li min-naħa tiegħi bħala Prim Ministru m'attendejt għall-ebda festini / riċevimenti / ikliet / *parties* eċċ. li jirreferi għalihom l-Onor. Interpellant.”

Għad-domandi l-oħra t-tweġiba dejjem kienet:

> “**TWEĠIBA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-kontenut ta’ din l-interpellanza jmur kontra r-regoli stabbiliti dwar l-interpellanzi mill-Ordni Permanenti 27 peress li l-interpellanza fiha imputazzjoni (u ċjoè li s-sottoskritt jew persuni li jmexxu dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu ġew ospitati privatament minn ‘xi membru tal-ġudikatura’) u wkoll peress li tirrelata għall-kondotta ta’ persuna mhux fil-kariga uffiċjali jew pubblika tagħha.”

Is-Sedja ttenni, dak li ġie ddikjarat diversi drabi kemm minnha kif ukoll minn predeċessuri tagħha, u li rrefera għalih ukoll l-Onor. Membru, li s-Sedja m’għandha l-ebda jedd li b’xi mod tissindika l-kontenut tat-tweġibiet li jingħataw għall-mistoqsijiet parlamentari. Tixtieq tikkonstata wkoll li tweġibiet ta’ dan it-tip ilhom jingħataw matul diversi leġiżlaturi tant li minn riċerka li għamlet sabet li dawn it-tip ta’ tweġibiet ilhom jingħataw sa mill-inqas mill-1998. Insemmi, fost oħrajn, it-tweġiba għall-PQ 1031 magħmula mill-Onor. Joseph Cuschieri lill-Onor. Guido de Marco fis-Seduta 19 tat-2 Diċembru 1998, it-tweġiba għall-PQ 22670 magħmula mill-Onor. Michael Axiaq fis-Seduta 476 tal-11 ta’ Diċembru 2006, it-tweġiba mogħtija għall-PQ 18354 magħmula mill-Onor. Joe Mizzi lill-Prim Ministru Lawrence Gonzi fis-Seduta 240 tal-21 ta’ Ġunju 2010, it-tweġiba mogħtija għall-PQ 475 magħmula mill-Onor. Jason Azzopardi lill-Ministru Chris Cardona fis-Seduta 27 tal-5 ta’ Ġunju 2013.

Is-Sedja tixtieq tirrileva li fir-rigward ta’ mistoqsijiet ta’ dan it-tip, kien hemm numru ta’ okkażjonijiet fejn l-interpellanza ma tkunx tindika b’mod ċar jekk l-attivitajiet li tkun qed issir referenza għalihom ikunux ta’ natura purament privata, u għalhekk, f’dawn il-każijiet, is-Sedja tgħaddi dawn id-domandi lill-Ministru peress li huwa l-Ministru li jkun qiegħed f’pożizzjoni li jikkjarifika l-materja. Is-Sedja anke hawnhekk ma tistax tissindika t-tweġiba li jagħżel li jagħti l-Ministru kkonċernat, taqbel jew ma taqbilx mal-kontenut tagħha, peress li r-regolamenti tal-Kamra huma kompletament silenzjużi f’dak li għandu x’jaqsam mal-kontenut tat-tweġiba li jagħti l-Ministru.

Din il-pożizzjoni s-Sedja għamlitha f’diversi *rulings* li tat, anke reċentement, bħal pereżempju fis-Seduta 94 tal-14 ta’ Marzu 2018 fejn anke kkwotat minn paġna 356 tal-Erskine May, *Parliamentary Practice* (24 Edition) taħt it-titolu “*Speaker’s control of questions*”:

> “*The Speaker’s responsibility in regard to questions is limited to their compliance with the rules of the House. Responsibility in other respects rests with the Member who proposes to ask the question and responsibility for answers rests with Ministers.*”

Dan ifisser li kemm ir-regolamenti tal-Kamra kif ukoll dawk tar-Renju Unit, li jiġu invokati bis-saħħa tal-Ordni Permanenti 197, jipprekludu lis-Sedja milli b’xi mod teżerċita xi kontroll fuq il-kontenut tar-risposta.

L-istess pożizzjoni hija indikata fir-*ruling* li ngħata fis-Seduta 351 tal-1 ta’ Frar tal-2016 fejn:

> "... fil-pubblikazzjoni '*Accountability or inability: to what extent does House of Representatives' question time deliver executive accountability comparative to other parliamentary chambers? Is there need for reform?*' ta' Andrew McGowan *(Australasian Parliamentary Review, Vol. 23, No. 2)*, li jiddiskuti hemmx bżonn jew le ta' riforma dwar kif għandha tkun ir-risposta."

F'dan l-istess *ruling* insibu l-istess pożizzjoni fi New Zealand fejn jingħad li:

> "*In New Zealand, the procedures governing the content of answers are laid out in standing order 377. In summary, it requires that an answer: be concise and confined to the subject; not contain statements of fact, the names of persons, arguments, inferences, imputations, discreditable references to the House or any Member, unparliamentary language; and must not refer to the proceedings of a committee or a court. While these requirements are more comprehensive than those of the other chambers, in practice they tend not to be strictly adhered to. As* Parliamentary Practice in New Zealand *describes, 'how (ministers) go about answering questions is largely up to them.'*

L-istess *ruling* jirreferi wkoll għall-pożizzjoni Kanadiża, fejn jingħad li:

> "Canadian House of Commons Practice and Procedure *explains that while there are no explicit procedures governing answers to questions, 'according to practice, replies are to be as brief as possible, to deal with the subject matter raised and to be phrased in language that does not provoke disorder.' Having established this framework,* Canadian Practice *later explains that 'the Speaker is not responsible for the quality or content of replies', implying that ministers are given a degree of latitude.'*

Dan ifisser li l-pożizzjoni tal-Parlament tagħna hija ċara u hija *in linea* ma' dak li huwa deċiż u segwit fil-House of Commons Ingliż u l-parlamenti ta' pajjiżi oħra tal-Commonwealth, fosthom New Zealand u l-Kanada. Dan ifisser li irrispettivament minn jekk is-Sedja tħossx li l-kontenut tar-risposti indikati mill-Onor. Jason Azzopardi huwiex infeliċi, is-Sedja ma tista' bl-ebda mod tirregola tali kontenut.

Fl-aħħar nett is-Sedja tixtieq tirrimarka li fid-dawl tad-diversi kontestazzjonijiet imqajma matul is-snin dwar l-ammissibilità *o meno* ta' interpellanzi magħmula minn Membri miż-żewġ naħat tal-Kamra, wieħed jista' jikkonsidra jekk wasalx iż-żmien li jibda jew japplika dak li jgħidu l-Ordnijiet Permanenti 26 u 27 b'mod aktar rigoruż jew jara jekk hemmx bżonn ta' li ssir reviżjoni tagħhom. Dan sabiex tiġi indirizzata d-diffikultà li kultant issib is-Sedja biex tiddeċiedi dwar jekk taċċettax interpellanza, bħal pereżempju f'każijiet li jirrikjedu l-interpretazzjoni tal-kliem "kondotta ta' xi persuna fil-kariga uffiċjali jew pubblika tagħha" jew ta' x'jikkostitwixxi ħwejjeġ pubbliċi li Ministru jkun responsabbli għalihom. Hawnhekk wieħed irid jara li jinstab bilanċ peress li osservanza stretta tar-regolament taf ikollha effett fuq kemm l-istess Membri jkunu jistgħu jużaw din l-għodda parlamentari biex jagħmlu skrutinju tal-operat tal-Gvern kif ukoll biex iressqu lmenti ta' dawk il-kostitwenti individwali li jirrikorru għall-għajnuna tagħhom.

Ir-*ruling* huwa deċiż.